MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Numru 506/1999

**Il-Pulizija**

**Spettur Martin Sammut**

**v**

**JOSEPH MARY PORTELLI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH MARY PORTELLI** ta' sebgha w tletin sena bin Edward u Yvonne nee Fenech, imwieled l-Hamrun nhar s-sitta ta' Awissu 1961 u residenti 'Chriszmar', Triq it-Turisti, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 536861M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha ta' Marzu 1999 u fix-xhur ta' qabel, minghajr l-permess tal-Ministru u minghajr l-awtorizzazzjoni skond l-ligi, accetta, innegozja u kien fil-pussess ta' muniti ta' valuta estera.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u a tenur tal-artikolu 42 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom il-Fiat tal-Kontroll tal-Kambju datat ghoxrin ta' Lulju 1999 mmarkat bhala CSH a fol 6 tal-atti, l-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti a fol 7 et seq tal-atti markata bhala dokument CSH 1, l-istqarrija tal-imputat esibita a fol 10 et seq tal-atti markata bhala dokument CSH 3.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tletin ta' Awissu 2000 esibiti fl-atti a fol 65.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat d-diversi noti t'osservazzjonijiet ppresentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha ta' Settembru 1999 **xehed l-Ex Spettur Raymond Cremona** fejn spjiega li l-Pulizija kienet irceviet ittra mis-Central Bank li tinsab esibita fl-atti bhala dokument CSH 4, fejn saret allegazzjoni li l-imputat kien qed jinnegozja bi flus barranin u dan bi ksur tal-Exchange Control Ordinance u ghalhekk kien ordna tfittxija fil-fond tal-istess imputat u cioe 'Chrismar', Triq t-Turisti, Qawra.

Il-Pulizija li kienu ghamlu s-search sabu diversi kartelluni f'dan il-fond bil-kliem 'Exchange Bureau' u rati ta' kif tigi msarrfa l-lira maltija kif del resto jirrizulta mid-dokument CSH 5 esibit fl-atti.

Dak il-hin tat-tfittxija, l-imputat ghadda l-flejjes barranin li kellu fil-hanut, lil Pulizija konsistenti f'mitt deutsh gilders, tlett mija u hamsin swiss franks, mitejn u hamsin lira inglizi, sittin lira travellers cheques inglizi u mitejn deutsh marks, liema flejjes gew ppresentati l-Qorti f'dawn l-istess atti u li gew mmarkati bhala dokument CSH 7.

Fid-disgha ta' Settembru 1999 **xehdu PC 175 George Pace, PC 824 Arthur Mercieca u WPS 97 Carmen Zammit** li lkoll kkonfermaw li nhar l-hdax ta' Marzu 1999 huma kienu l-Ufficjali tal-Pulizija li ghamlu t-tfittxija fil-fond tal-imputat fuq struzzjonijiet moghtija lilhom mill-Ispettur w ikkonfermaw li d-dokumenti CSH 5 u CSH 7 esibiti fl-atti odjerni, gew elevati minnhom fil-presenza tal-imputat mill-fond proprjeta tieghu.

**Paul Vella xehed** fil-kapacita tieghu ta' Manager fil-Complaints' Office tal-Bank Centrali ta' Malta w ikkonferma li minn ricerka li ghamel fir-records tal-Bank f'isem Joseph Portelli, ma rrizultalux li l-istess Joseph Portelli kien negozjant awtorizzat fil-Foreign Currency, u fil-fatt lanqas applikazzjoni pendenti f'isem l-imputat ma sab.

Nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 1999, l-istess Paul Vella spjiega illi skond l-Financial Institution Act, persuni guridici biss jista jkollhom licenzja ghal kambju ta' flus u ghalhekk huwa ghamel ricerka f'isem Joseph Portelli bhala shareholder f'xi kumpanija registrata taht il-Financial Institution Act, izda dan kien ghal xejn ghaliex ir-rizultat kien wiehed negattiv.

**L-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri kif kellu kull dritt jaghmel pero nhar l-hdax ta' Marzu 1999 huwa rrilaxxja stqarrija b'mod voluntarju, liema stqarrija tinstab esibita fl-atti a fol 16 markata bhala dokument CSH 3**.

F'din l-istqarrija l-imputat jammetti li l-kartelluni li gew esibiti l-Qorti kienu tieghu ghalkemm stqarr li kien ilu ma juza tnejn minnhom zmien.  Dwar il-flejjes f'munita barranija li minn rajh  ghadda lil Pulizija, l-ewwel jghid li l-

origini taghhom giet mit-turisti mill-bejgh ta' *tours*, izda mistoqsi ghat-tieni darba l-origini ta' dawn il-flejjes, l-imputat ghazel li ma jwegibx. Fil-fatt l-Qorti tirrileva li din hija l-unika domanda li ma wegibx. Qal pero li kien ser japplika biex jinghata permess ta' Exchange Control ghalkemm kien ghadu ma ssottomettiex l-applikazzjoni tieghu. Huwa skuza ruhu pero fil-konfront tal-Ufficjali tal-Pulizija u qal li mhux ser jkompli jahdem kontra l-ligi u dan dwar ksur tal-Exchange Control Ordinance.

Id-Difiza qed ssostni li l-Prosekuzzjoni ttrattat dan il-kaz b'mod legger ghaliex ma resqet lil ebda xhud indipendenti sabiex jistqarr li huwa fil-fatt sarraf xi flus u in oltre li l-*boards* wahedhom ma jikkostitwixxu prova kontra l-imputat.

Il-Prosekuzzjoni ma taqbel xejn mad-Difiza u tghid li l-imputat ma tax spjiegazzjoni sodisfacenti dwar il-flejjes ta' valuta barranija li kellu fil-pussess tieghu u l-funzjoni ta' *boards* li kienu fil-parapett tieghu.

Id-Difiza eccepiet wkoll li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx li l-imputat ma kellux licenzja mahruga mill-Ministru tal-Finanzi kif jikkontempla l-Kap 233 izda li ma kellux licenzja mill-Bank Centrali.

Il-Qorti taghmel referenza ghall Avviz Legali numru 78 tal-1972 fejn il-Ministru responsabbli ghal Finanzi nnomina lil Bank Centrali bhala l-agent tieghu, liema Avviz Legali sar bis-sahha tas-setghat moghtija bis-sub artikolu 8 tal-artikolu 2 tal-Kap 23 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ix-xhud Paul Vella huwa xhud idoneju f'dan il-kaz ghal tali prova u cioe jekk l-imputat nghatax licenzja ghan-negozju ta' flus u pussess ta' muniti ta' valuta estera bi ksur tal-artikoli 3 u 4 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta. Din is-sitwazzjoni nfatti taghmel sens ghaliex kieku il-Bank Centrali li kien r-regolatur ma jkunx f'posizzjoni li jkun jaf x'permessi johorgu.

Ikkunsidrat

Illi fl-ambitu tar-reati taht il-Kap 233 l-imputat issottometta li l-provi li pproduciet il-Prosekuzzjoni ma humiex ezawrjenti stante li skond hu, il-Prosekuzzjoni kellha mhux biss ttellgha rappresentant tal-Bank Centrali imma anke rappresentant tal-Ministru tal-Finanzi biex jipprova li hu ma kellux il-permessi relattivi jinnegozja fil-flus u dan fuq skorta tas-sub inciz 1 tal-artikolu 4 tal-Kap 233 li jipprotegi d-diskrezzjoni tal-Ministru fl-esercizzju tas-setghat moghtija lilu skond l-Att dwar l-avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern, meta l-Bank Centrali gie nominat bhala agent ai fini tal-Kap imsemmi. Din il-Qorti ftit ghandha xi tghid ghajr li l-avviz hu dokument ufficjali u prova probanti fih innifsu. Oltre ma tirraviza ebda nuqqas tal-ahjar prova da parti tal-Prosekuzzjoni tenut kont li fl-iter tal-process mhux inkonsistenti mal-principju tal-presunta innocenza tal-imputat u konsegwenti oreru tal-prova li, filwaqt li jkun hemm fatt stabbilit mill-Prosekuzzjoni l-istess oneru tal-prova jinverti fuq l-imputat, kwindi anke minhabba l-presunzjoni stabbilita fis-sub inciz 5 tal-artikolu 5 tal-Kap 233 jirrizulta sodisfacentement ppruvat r-reat taht dan l-Kap u migjub kontra l-imputat ossia tal-artikolu 4(1) tal-Kap 233.

Illi dan ir-ragjonament tal-Qorti kif preseduta huwa abbraccjat mill-***Qorti tal-Appell*** kif fil-fatt jirrizulta mis-sentenza moghtija ricentement minnha ***nhar s-sitta ta' Ottubru 2003*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Borg**. Illi ghalhekk dik s-sentenza ttrattat principalment l-artikolu 11(1) u (2) tal-kap 233, il-principju li jirrizulta minn tali deposizzjonijiet ghandhom japplikaw ugwalment ghal akkuzi taht l-artikoli 4 u 5 tal-istess Kap 233 u kwindi l-Qorti tal-Appell tghid "*jekk kellu xi permezz mill-Ministru tal-Finanzi jmessu ressqu in sua difesa* ".

Issa mix-xhieda ta' Paul Vella jirrizulta b'mod inkonfutabbli skond l-Ordinanza u cioe il-Bank Centrali ta' Malta, zgur li l-imputat ma kellux xi permess simili li jinnegozja fi flejjes ta' munita barranija.

Il-provi cirkostanzjali f'dan il-kaz u cioe l-pussess tal-Exchange Control board fil-parapett tal-imputat u l-presenza ta' hafna flejjes ta' denominazzjonijiet esteri u l-

istqarrija dubbjuza rilaxxjata mill-imputat lkoll jitfghu riflessjoni fuq il-htija tal-imputat.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat instab hati ta' numru ta' kontravenzjonijiet fejn gie kkundannat multi u amendi zghar u reat wiehed fejn instab hati talli esport flejjes minghajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi fejn gie kkundannat multa ta' mitt lira maltin.

Ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 3, 4 u 42 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH MARY PORTELLI hati tal-akkuzi kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah, stante li ser tordna l-konfiska tal-flejjes esibiti, ghal hlas ta' multa ta' erbgha mitt lira maltin.**

**Oltre dan tordna li l-flejjes kollha esibiti bhala dokument CSH 5 u l-oggetti esibiti bhala dokument CSH 7 jigu konfiskati favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------